Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

# MINUTI TAL-ĦAMSA U ERBGĦIN LAQGĦA TAS-SITT KUNSILL

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** Il-Erbgħa, 13 ta' April 2011

**Ħin:** Mis-5.40pm sat-7.40pm

**Prezenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Il-Kunsillier Trevor De Giorgio (wasal fis-5.47pm)
Is-Sur J. Cassar
Is-Sur Guido Borg

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti ta' l-Erbgħa u Erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti ta' l-Erbgħa u Erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 16 ta' Marzu 2011 (mehmuza). Kopja tal-minuti ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Minuti ta' l-Erbgħa u Erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 16 ta' Marzu 2011 kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea li kien issekondat mill-Kunsillier G. Borg. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv ffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 2. Mill-Minuti.

1. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-perit Fsadni għandha tissottometti l-applikazzjoni lill-MEPA fir-rigward tar-restawr ta' l-istatwa ta' Santa Marija.

2. Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li għad trid tikseb kwotazzjonijiet għal-armar ta' l-iscaffolding madwar l-istatwa imma għalkemm bagħtet talbiet għal-kwotazzjonijiet għadha ma sabitx min jarmaħ biss.

3. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-bank tal-*gazebo* tlesta.

**F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Trevor DeGiorgio.**

4. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-wifi tal-pjazza bdiet taħdem nhar il-Ġimgħa, 8 ta' April 2011.

5. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-kuntratt dwar Proġetti ta' Enerġija Alternattiva fejn ingħatajna s-somma ta' €5,000 biex nagħmlu sistema ta' *photovoltaic panel* fl-uffiċċju tal-Kunsill ġie ffirmat (mehmuz). Il-Kunsill talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex tibda l-proċess biex tinħareġ sejħa għal-offerti biex ikun jista jsir ix-xogħol.

6. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-għada, l-Ħamis, 14 ta' April fit-3.00pm ser issir laqgħa mal-MEUSAC dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill għal-fondi ERDF.

7. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill, stima għax-xiri ta' *jigger* li ġġib id-data tat-23 ta' Marzu 2011, liema stima tammonta għas-somma ta' €1875 (VAT inkluz), għaldaqstant il-proċeduri jgħidu li jrid jidher avviz fil-gazzetta u jinkisbu tlett kwotazzjonijiet. Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li l-ispejjes ma homiex ġustifikati peres li l-użu li l-Kunsill ikollu bżonn jagħmel minnu huwa limitat ħafna u faċilment jista jinkera wieħed bi spejjes minimi.

8. Il-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea nfurma lill-Kunsill illi l-kawza tal-pulizija vs s-Sinjura Spiteri Coleiro li kienet waqqfet ix-xogħol fuq il-bankina fi Triq Patri Guze Delia nstemgħet nhar it-Tlieta, 5 ta' April 2011 u għan-nom tal-Kunsill deheru hu u Sur Joseph Desira ħaddiem tal-Kunsill. Il-Viċi-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-persuna kkonċernata ngħatat *warning* biss u jekk il-Kunsill irid jiġbor l-ispejjes li jammontaw għas-somma ta' €104.17 (ittra li ġġib id-data tat-13 ta' Jannar 2011 mehmuza) irid jiftaħ kawza ċivili. Il-Kunsill innota li l-ispejjes biex tiftaħ kawza huma aktar mill-ispejjes li jrid jirkupra għaldaqstant unanimament qabel li mhux vijabbli li tinfetaħ kawza.

9. Il-Kunsillier Trevor Degiorgio informa lill-Kunsill illi l-Kappillan infurmaħ illi l-Kurja ma tippermettiex li attivita ċivili bħal prezentazzjoni ta' l-unur Ġieħ Ħal Balzan issir fil-Knisja, għaldaqstant huwa kien qed jipproponi li l-unur Ġieħ Ħal Balzan jingħata fi Ġnien Joseph A. Stellini wara l-quddiesa tad-9.30am. Il-Kunsill unanimament qabel mal-proposta u talab lis-Segretarju Ezekuttiv tikkonferma li l-quddiesa tista ssir fid-9.30am.

10. Is-Sindku nfurma lill-Kunsill illi saret laqgħa ma ċertu Brian Cardona li qed jipproponi skema ta' ġbir ta' ħwejjeġ għar-reċiklaġġ billi darba fix-xahar jipprovdi trakk fil-pjazza biex min ikollu ħwejjeġ ikun jista jiddisponi minnhom. Ħlas għal dan is-servizz ma hemmx peres li l-ħwejjeġ li jinġabru ser jiġu esportati biex jerġaw jintuzaw.

11. Dr. T. DeGiorgio informa lill-Kunsill illi kien prezenti għas-smiegħ tal-kawa tal-Muzew fit-Tribunal, liema kawza ntrebħet mill-Muzew. Ġie nnutat waqt il-kawza li t-tabella hija bla permess. Dr. DeGiorgio talab li jitqiegħed il-permess fuq il-mejda tal-Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

**3. <u>Korrispondenza.</u>**

Tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill xi korrispondenza li waslet bejn is-17 ta' Marzu 2011 u t-13 ta' April 2011 u rapport tal-korrispondenza li ġiet ipprezentata li ġġib id-data tat-13 ta' April 2011 (mehmuz).

**Ittra Numru 407/11:** Il-Kunsill innota l-petizzjoni tar-residenti ta' Triq Idmejda. Il-Kunsill innota li dejjem ħa l-azzjoni neċessarja imma wieħed irid iqies li l-Kunsill ma jistax jagħmel infurzar li jaqa taħt il-pulizija u lanqas ma noħorġu permessi biex joperaw l-istabbilimenti msemmija, liema permessi toħroġhom l-MTA. Il-Kunsill talab li tintbagħat ittra dwar il-punti mqajma fil-petizzjoni lid-Dipartiment tas-Sanita, lill-MEPA u lis-Superintendent ta' l-Għassa ta' Birkirkara sabiex jaraw x'liċenzji hemm u sabiex jaraw li l-istabbilimenti joperaw xkond il-liċenzji li għandhom.

**Ittra Numru 406/11, 405/11 u 404/11:** L-ittri mill-PPCD dwar sejħa ġdida għal-fondi ta' l-EU ġiet innutata. Il-Kunsill innota li f'dan l-istadju r-riżorzi tiegħu ma jippermettux li nidħlu għal-proġetti ġodda.

**Ittra Numru 400/11:** Memo 31/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar xiri ta' kotba għal-librerija ġiet innutata. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi bagħet ir-risposta.

**Ittra Numru 378/11:** L-ittra tad-ditta Electro Waste Malta Ltd dwar proposta li jinġabru ħwejjeġ biex jiġu riċiklati ġiet innutata.

**Ittra Numru 368/11:** L-ittra, Memo 10/2010 dwar Skema Enerġija Alternattiva fejn infurmawna li ngħatajna s-somma ta' €5000 biex isiru pannelli fotovoltajiċi għal-bini tal-Kunsill ġiet innutata. Il-Kunsill innota li trid tinħareġ sejħa għall-offerti biex isir ix-xogħol.

**Ittra Numru 367/11:** L-ittra minn Transport Malta dwar *Parking on part of pavement in Alley 2 Main Street* ġiet innutata. Il-Kunsill innota li flok ma ntlaqgħet it-talba biex vetturi jipparkjaw fuq il-bankina, TM talbet li titwessa l-bankina.

**Ittra Numru 354/11:** L-ittra mill-Kap ta' l-iskola Lija / Balzan dwar il-librerija u attivita' sportiva ġiet innutata. Il-Kunsill unanimament qabel li jekk il-Kunsill ta' l-Iklin ta' donazzjoni għal-librerija dan il-Kunsill jagħmel l-istess sa massimu ta' €200 imma dwar l-attivita' sportiva ladarba l-attivita' saret u ma ngħatajniex publiċita' allura l-Kunsill mhux ser jagħti donazzjoni u talbiet bħal dawn għandhom jiġu kmieni bizzejjed qabel il-laqgħa tal-Kunsill sabiex ikunu jistgħu jiġu kkunsidrati mill-Kunsill qabel ma ssir l-attivita'.

**Ittra Numru 331/11:** L-ittra mill-Kulleġġ Santa Tereza dwar l-iskema ta' finanzjament għal-lokalitajiet sostenibbli ġiet innutata. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ma taqbilx mat-talba li saret li l-Kunsill joħroġ fondi għal dan il-proġett meta dan suppost li ser jiġi ffinanżjat mill-Gvern Ċentrali u kienet qed tistenna risposta dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita u ser tagħmel *follow up* fuqha għax s'issa ma għandiex risposta.

**Ittra Numru 329/11:** L-ittra ta' kwotazzjoni għal-kiri ta' *jigger* ġiet innutata.

**Ittra Numru 328/11:** L-ittra minn Transport Malta dwar *shifting of bus bay in Birbal Street* ġiet innutata. Il-Kunsill innota li ma għandux oġġeżżjoni li jsir ix-xogħol sakemm dan isir minn Transport Malta peres li l-Kunsill ma għandux il-fondi biex jagħmel dan ix-xogħol.

**Ittra Numru 319/11:** L-ittra minn Transport Malta dwar *Unapproved Resident's parking scheme* fi Triq il-Mitħna ġiet innutata. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Ezekuttiv titlob li t-tabella tiġi regolarizzata.

**Ittra Numru 305/11:** Memo 10/2010 mid-DLG dwar l-iskema dwar Proġett ta' Enerġija Alternattiva fejn infurmawna li ma ngħatajniex fondi għal-SEAP ġiet innutata.

## 4. <u>Kommunikazzjoni tas-Sindku.</u>

1. F'dan il-ħin is-Sindku stieden lis-Sindku Kunsill Lokali Żgħażagħ Ħal Balzan biex tagħti rendikont tal-ħidma tagħhom.

   Is-Sinjorina Charmaine Giordimaina ntroduċiet ruha mal-membri tal-Kunsill Lokali u nfurmat lill-Kunsill dwar il-proġett li kienu qed jaħdmu fuqu u cioe' li jippromuovu l-kultura billi jorganizzaw attivita' li fiha jbiegħu frott, jesebixxu artiġjanat u jkun hemm arja għat-tfal. Attivita' oħra li jixtiequ jtellaw taħt il-*gazebo* ser tkun qari ta' letteratura mill-grupp Versatili

li tkun akkunpanjata minn muzika. Dawn l-attivitajiet ser jifformaw il-proġett li jekk jintgħazel ikunu ffinanzjati mill-organizaturi tal-Kunsill Lokali Zgħazagħ.

Il-Kunsill unanimament qabel illi jekk il-proġett ma jintgħażilx xorta waħda tista ssir l-attivita' taħt il-*gazebo* għax il-Kunsill jipprovdi *sound system* għas-spejjes tiegħu. Dwar meta ser issir l-attivita' għad trid titieħed deċiżjoni.

2. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi ser jkollu laqgħa mas-Sur Bezzina dwar il-ktieb li behsiebu joħroġ dwar l-istorja ta' Ħal Balzan.

3. Is-Sindku nnota li l-attivita' Festa Frott li saret flimkien mal-Kunsill ta' Ħ'Attard kienet suċċess. Is-Sindku talab li ssir laqgħa mal-co-ordinatur, is-Sur Camilleri, sabiex jingħata rendikont dwar kif marret l-attivita' mill-att finanzjarju u x'donazzjoni ngħatat lill-*Malta Community Chest Fund.*

## 5. <u>Fondi ERDF għal-*Regenerating Balzan Square and Implementing a Tourist Heritage Trail.*</u>

Il-Kunsillier Trevor DeGiorgio informa lill-Kunsill illi fid-29 u fit-30 ta' Marzu hu u s-Segretarju Ezekuttiv kellhom laqgħa mal-PPCD fejn ġejna mitluba li nemendaw l-applikazzjoni u nibgħatuha lura lill-PPCD sal-15 ta' April 2011. Peres li r-restawr ta' l-istatwa ta' Santa Marija ser jkun parti mill-applikazzjoni ERDF il-flus li konna ngħatajna mid-DLG taħt l-iskema ta' fondi għal-Proġetti Speċjali f'Lokalitajiet Żgħar ingħataw lura lid-DLG. Il-Kunsillier Trevor DeGiorgio nforma lill-Kunsill illi l-PPCD infurmawna li l-ERDF ma tistax tħallas għal bdil ta' servizzi ta' taħt l-art peres li l-proġett jaqa' taħt fond li jippromowi t-turismu mhux infrastruttura. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi kienet qed tistenna *update* ta' l-istima li kienet ingħatat mill-WSC għal-istess arja fis-sena 2009 peres li din trid titħallas mill-Kunsill.

Il-Kunsillier Trevor DeGiorgio nnota li dan il-proġett jirrikjedi ħafna impenn, hemm ħafna burokrazija peres li huwa suġġett għal-awditjar mill-PPCD u għaldaqstant jeħtieġ li jitqabbad *project manager* jew *contract manager* biex jieħu ħsieb jikkordina u jmexxi l-proġett fl-aspetti kollha tiegħu.

Is-Sindku nnota li l-Kunsill kien iddeċieda li joħroġ sejħa għal-*contract manager* biex jieħu ħsieb speżżjonijiet u għaldaqstant dan ix-xogħol jista jsir mill-istess persuna. Il-Kunsill unanimament qabel li joħroġ sejħa għall-offerti għal-*project manager* u l-kuntratt għandu jitlob *annual rate* mhux perċentaġġ.

## 6. <u>Ġieħ Ħal Balzan.</u>

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-medja tal-Kunsill il-*file* tan-nominazzjonijiet li ntefgħu fir-rigward ta' Ġieħ Ħal Balzan. In-nominazzjonijiet kienu erba' fejn ġew innominati s-Sur Silvio Cassar, Is-Sur Gorg Grech, Is-Sur Gorg Muscat u s-Sinjura Mary Fenech. Wara li saret diskussjoni fuq in-nominazzjonijiet u r-raġuni tan-nomina, is-Sindku li kien issekondat mill-Viċi-Sindku s-Sur J. Galea ppropona li l-Ġieħ Ħal Balzan jingħata lis-Sur Silvio Cassar u lis-Sinjura Mary Fenech. Il-Kunsill qabel unanimament.

Il-Kunsillier G. Borg li kien issekondat mill-Kunsillier Trevor DeGiorgio ppropona li l-unur Ġieħ Ħal Balzan jingħata lis-Sur Gorg Grech. Il-mozzjoni ma għaddietx b'erba voti kontra u vot favor.

**7. Rapport Finanzjarju għat-Tlett xhur Jannar – Marzu 2011.**

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-medja tal-Kunsill ir-rapport Finanzjarju għat-Tlett xhur Jannar – Marzu 2011 (mehmuz).

Ir-rapport Finanzjarju għat-Tlett xhur Jannar – Marzu 2011 kien propost għall-approvazzjoni mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea li kien issekondat mill-Kunsillier G. Borg. Ir-rapport ġie approvat unanimament u ġie ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv biex juri li huwa dokument korrett.

**8. Management Letter għas-sena 2010.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet il-*Management letter* li ġġib id-data tat-23 ta' Frar 2011 u risposta *draft* li ġġib id-data tas-16 ta' Marzu 2011 (mehmuz). Il-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea li kien issekondat mill-Kunsillier J. Cassar ippropona r-risposta tal-*Management Letter* għal-approvazzjoni. Ir-risposta *draft* ġiet approvata unanimament u ffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv biex juru li huwa dokument korrett.

**9. Approvazzjoni tar-Rapport SEAP.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-Rapport SEAP (mehmuz). Kopja ngħatat lill-kull kunsillier qabel il-laqgħa. Il-Kunsillieri unanimament iddeċidew li jiddiskutu r-rapport waqt il-laqgħa li jmiss peres li ma kellhomx ħin jaraw id-dokument.

**10. Diskussjoni dwar il-kwotazzjonijiet li ntefgħu għal-*Wireless CCTV camera* fi Ġnien Joseph A. Stellini – W.C. 1/10.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed l-*file* li fih l-iskedi tal-kwotazzjonijiet li ntefgħu fir-rigward tal-*Wireless CCTV camera* (mehmuz). Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi ngħata parir li CCTV *camera* li taħdem bil-*Wireless* hija suġġetta għal-interferenza. Wara diskussjoni l-Kunsill unanimament qabel li joħroġ sejħa għall-offerti mill-ġdid peres li l-unika offerta li ntefgħet ma kienitx taqbel mas-sejħa li saret għal-*wireless CCTV camera*. Il-Kunsill unanimament qabel li l-offerta li ġdida li ser tinħareġ għandha tkun għal-sistema ta' *CCTV camera*.

Il-Kunsill innota li ladarba jibda x-xogħol fuq Triq Guze Bonnici jrid jqiegħed pajp biex jgħaddu *cables* eċċ mill-*playing field* għan-naha ta' l-Għassa tal-Pulizija biex meta tiġi stallata l-*camera* din tkun tista taħdem bil-*modem* li ġiet stallata fl-Għassa għal-*Wi-Fi*.

**11. Rapport dwar l-ilmenti.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport ta' l-ilmenti pendenti li jġib id-data tat-13 ta' April 2011 (mehmuz). Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li ma kienx hemm bżonn ta' deċizjonijiet tal-Kunsill imma qegħdet ir-rapport ta' ilmenti pendenti fuq il-mejda għall-informazzjoni tal-Kunsill.

**12. Approvazzjoni biex isir il-ħlas.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tat-13 ta' April 2011 (mehmuza) li tammonta għas-somma ta' €19,801.31.

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier J. Cassar li kien issekondat mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

**13. <u>Affarijiet Oħra.</u>**

1. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill emajl mill-Kumitat Konġunt dwar it-tqassim ta' fondi (mehmuza).

2. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill rapport ippreparat mill-Kulleġġ Santa Tereża u mill-Kunsilli Lokali ta' Birkirkara, Santa Venera, Msida, Ta'Xbiex, Ħal Lija, Ħal Balzan u Iklin intitolat "Stili ta' Ħajja Sana f'Komuntajiet Sostenibbli" (mehmuz)

3. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill rapport ippreparat mill-MSA intitolat *Playground First Inspection Report* li jġib id-data tat-18 ta' Marzu 2011 (mehmuz).

4. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill emajl li bagħtet lill kull Kunsillier li ġġib id-data tat-18 ta' Marzu 2011 fejn kienet qed titlob li jinbidlu l-ħinijiet li taħdem waħda mill-iskrivani sabiex flok taħdem mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn is-1.00pm u l-5.00pm, taħdem bejn il-11.30am u l-5.00pm. Il-Kunsill unanimament approva t-talba.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Erbgħa, 11 ta' Mejju 2011 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Dr. J. Zammit Montebello** | **Ms. M. Zammit** |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data